**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 44/11VG**

**Philomeno Pace**

**Vs**

**Dr. Mark Sammut u Carmen Farrugia**

**Illum 26 ta' Lulju 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Philomeno Pace fil-15 ta' Frar 2011 permezz ta' liema jitlob li l-Qorti tikkundanna lil Dr. Mark Sammut u lil Carmen Farrugia sabiex ihallsuh is-somma globali ta' hamest elef tmien mija u sebghin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€5,870.53) minnhom dovuta bhala prezz, bil-VAT inkluza, ta' xoghlijiet ta' aluminium, soffitti u gibs esegwiti fil-fond ta' residenza taghhom fir-Rabat, Malta, bl-imghax legali dekoribbli skond il-Ligi u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Settembru 2010, kontra Dr. Mark Sammut u Carmen Farrugia;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 2 u 3 tal-process;

Rat ir-Risposta tal-konvenuti permezz ta' liema jopponu ghat-talba ta' l-attur u jitolbu li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) preliminarjament il-Qorti hija inkompetenti *rationae valoris* li tiehu konjizzjoni tat-talba attrici; (ii) il-valur tal-kuntratt ta' xoghlijiet *de quo* kien jammonta ghal circa hamsin elf Euro (€50,000), liema somma tmur oltre l-kompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti; (iii) ix-xoghol mhux lest kif pattwit u dan billi hemm xoghol li ghadu ma tlestiex, certu xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, filwaqt li certu xoghol iehor li twahhal, mhux tal-kwalità tajba; (iv) il-ftehim ma' l-attur dwar il-hlas kien f'forma ta' kont fejn huma kienu jhallsu lill-attur minn zmien ghal zmien però il-prezz kellu jithallas kollu hekk kif ix-xoghol ikun tlesta u dan a sodisfazzjon taghhom. Isegwi ghalhekk li ladarba x-xoghol ghadu mhux kompletat l-azzjoni attrici

hija intempestiva; (v) l-ammont mitlub mhux dovut; (vi) ix-xoghlijiet li ghad fadal x'isiru jaqbzu l-kompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti; (vii) huma hallsu lill-attur somma akbar milli fil-fatt kellu jithallas u dan peress li kif già inghad, hemm xoghol li twahhal li mhux ta' kwalità tajba u ghalkemm l-attur intalab jirrimedja tali xoghlijiet huwa baqa' inadempjenti; (viii) mhux talli l-attur ma ghandux dritt ghall-ammont mitlub talli huma huma stess li jirrizervaw id-dritt taghhom li jfittxu lill-attur kemm ghall-flus li thallsu indebitament lilu kif ukoll ghal kwalunkwe danni li huma qed isofru; (ix) sabiex il-Qorti tiddeciedi dwar it-talbiet attrici w in vista ta' dak minnhom eccepit, bilfors se jkollha taghmel konteggi ta' somom li jmorru oltre il-kompetenza taghha; (x) bla pregudizzju ghal dak eccepit, it-talba attrici ghandha tigi michuda stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

Semghet ix-xhieda tal-konvenuta Carmen Farrugia moghtija waqt is-seduti ta' l-10 ta' Ottubru 2011[1], tal-21 ta' Novembru 2011[2] u tad-9 ta' April 2013[3] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "CF1" a fol. 20 sa' 31 tal-process, rat l-affidavit ta' l-attur esebit permezz ta' Nota pprezentata fit-8 ta' Ottubru 2012 a fol 39 sa' 41 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Ramon Incorvaja moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2012[4] u x-xhieda ta' Fiona Incorvaja moghtija waqt is-seduti ta' l-10 ta' Dicembru 2012[5] u tad-9 ta' April 2013[6] u semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2013[7];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti dwar l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza *ratione valoris* a fol. 65 sa' 72 tal-process u rat in-Nota Responsiva ta' l-attur dwar l-istess imsemmija eccezzjoni a fol. 73 sa' 75 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

## Ikkunsidrat:

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' €5,870.53 rapprezentanti l-prezz, inkluza l-VAT, ghal xoghlijiet ta' aluminium, soffitti u gibs minnu esegwiti fil-fond residenzjali taghhom gewwa ir-Rabat, Malta. Il-konvenuti jilqghu ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) preliminarjament il-Qorti hija inkompetenti *rationae valoris* li tiehu konjizzjoni tat-talba attrici; (ii) il-valur tal-kuntratt ta' xoghlijiet *de quo* kien jammonta ghal circa €50,000, liema somma tmur oltre l-kompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti; (iii) ix-xoghol mhux lest kif pattwit u dan billi hemm xoghol li ghadu ma tlestiex, certu xoghol ma sarx skond is-sengha u l-

[1] Fol. 17 u 18 tal-process.
[2] Fol. 32 u 33 tal-process.
[3] Fol. 63 u 64 tal-process.
[4] Fol. 43 sa' 48 tal-process.
[5] Fol. 49 sa' 53 tal-process.
[6] Fol. 59 sa' 62 tal-process.
[7] Fol. 55 sa' 57 tal-process.

arti, filwaqt li certu xoghol iehor li twahhal, mhux tal-kwalità tajba; (iv) il-ftehim ma' l-attur dwar il-hlas kien f'forma ta' kont fejn huma kienu jhallsuh minn zmien ghal zmien però il-prezz kellu jithallas kollu hekk kif ix-xoghol ikun tlesta u dan a sodisfazzjon taghhom. Isegwi ghalhekk li ladarba x-xoghol ghadu mhux kompletat l-azzjoni attrici hija intempestiva; (v) l-ammont mitlub mhux dovut; (vi) ix-xoghlijiet li ghad fadal x'isiru jaqbzu l-kompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti; (vii) huma hallsu lill-attur somma akbar milli fil-fatt kellu jithallas u dan peress li kif già inghad, hemm xoghol li twahhal li mhux ta' kwalità tajba u ghalkemm l-attur intalab jirrimedja tali xoghlijiet huwa baqa' inadempjenti; (viii) mhux talli l-attur ma ghandux dritt ghall-ammont mitlub talli huma huma stess li jirrizervaw id-dritt taghhom li jfittxu lill-attur kemm ghall-flus li thallsu indebitament lilu kif ukoll ghal kwalunkwe danni li huma qed isofru; (ix) sabiex il-Qorti tiddeciedi dwar it-talbiet attrici u in vista ta' dak minnhom eccepit, bilfors se jkollha taghmel konteggi ta' somom li jmorru oltre il-kompetenza taghha; u (x) bla pregudizzju ghal dak eccepit, it-talba attrici ghandha tigi michuda stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ma hemmx dubju li l-ewwel eccezzjoni li ghandha tigi kkunsidrata u determinata hija dik ta' l-inkompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti u fil-fatt din is-sentenza qed tinghata limitatament ghal tali eccezzjoni.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kien ilu diversi snin jahdem ghall-konvenuti fuq diversi inkarigi moghtija lilu minnhom. Fost dawn l-inkarigi l-attur gie inkarigat jaghmel xoghlijiet ta' aluminium, gypsum u soffitti fil-fond residenzjali tal-konvenuti gewwa r-Rabat, Malta, dwar liema inkarigu tittratta il-kawza odjerna. Rinfaccjat bl-eccezzjoni ta' l-inkompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti stante li skond il-konvenuti l-appalt lilu kummissjonat kellu valur ta' madwar €50,000, l-attur jikkontendi li x-xoghlijiet minnu esegwiti fil-fond residenzjali tal-konvenuti ma kienux nascenti minn appalt uniku izda kull bicca xoghol kienet appalt fiha nfisha.

Fir-rigward fin-Nota ta' Responsiva tieghu l-attur jikkontendi illi *din ix-xhieda* [ossia x-xhieda moghtija mill-konvenuta Carmen Farrugia tul is-smigh tal-proceduri] *flimkien ma' ohra ta' l-istess xhud hija bizzejjed biex tittimbra ma' l-ewwel il-modus operandi bejn il-partijiet. L-attur kien jittermina appalt u wara jinghata iehor. Hekk ukoll fil-hlasijiet. Kien jipprezenta 'invoice' ta' appalt jew iehor u jithallas tieghu bic-cheque jew bi flus kontanti. L-attur kien jiffirma u jikteb 'paid in full settlement'. Illi dina x-xhieda kollha hija prova ta' diversi appalti li nghataw lill-attur tul perijodu ta' sitt snin fil-kostruzzjoni u zvilupp fid-dar tar-Rabat. Kif spjega l-attur huwa gieli dahal fuq haddiema ohra li kienu qed joperaw fil-fond u gieli kellu jistennihom ilestu xogholhom qabel ma jkompli huwa. Dan kollu gie kkonfermat mix-xhieda ta' l-attur. Xehdet bint l-attur u qalet kif kienet tohrog l-invoices biex dawn jithallsu kull darba li l-attur kien jittermina appalt. Ikkonfermat li kien isir il-hlas ta' invoice jew ohra meta jkun spicca dak l-appalt, u l-attur kien jiffirma ghal hlas in full settlement. L-intimati qed isostnu li kien hemm appalt wiehed moghti minnhom lill-attur. Dan mhux minnu ghax kif xehedet*

*Carmen Farrugia stess il-fond fir-Rabat dam diversi snin biex tlesta u matul dawn is-snin l-attur inghata diversi appalti, li kienu jiddependu mill-istadju ta' xoghol iehor li kien qed isir fil-fond. Tikkonferma dan Farrugia nfisha meta xehedet l-ewwel darba. Il-mod tal-hlas kif sar jindika wkoll li dawn kienu diversi appalti li meta thallsu wiehed wara l-iehor l-attur iffirma li kien in full settlement. Illi ghaldaqstant l-appellanti jissottometti umilment li fil-kaz quddiem din il-Qorti huwa kaz ta' diversi appalti li bdew isiru gradatament hekk kif zviluppa x-xoghol u l-intimati bdew appalt wara appalt jaghtu l-inkarigu lill-attur u jhallsuh ta' kull appalt li jkun ghamel. Fil-fatt iddikjara l-attur li huwa qed jitlob il-hlas ta' l-ahhar appalt li ezegwixxa fuq inkarigu ta' l-intimati. Jinghad bir-rispett li meta l-intimati jghidu li taw appalt wiehed ikunu qed jikkontradixxu lilhom infushom ghax huma wkoll jaccettaw li ghadda perijodu twil, ta' sitt snin, li fihom l-attur inghata diversi appalti u dawn inghataw lilu fi stadju differenti, u zminijiet differenti, skond kif zviluppa l-fond fir-Rabat u kif kien jippermetti x-xoghol anki minn terzi li kellhom appalti ohra qabel l-esponenti. Illi l-intimati li jsostnu li kien hemm appalt wiehed qed isostnu li dak li kien jigri huwa li f'appalt wiehed kien jintalab xoghol addizzjonali. L-esponenti jissottometti umilment li dan mhux il-kaz. Dana peress li ma kienx il-kaz ta' dar lesta li fiha stajt tghodd kemm hemm aperturi u kemm ser ikun hemm bzonn soffitti u kemm gypsum ser jitwahhal. Din kienet dar li giet konvertita u rinnovata. L-attur kien msejjah biex jaghmel appalt wara l-iehor skond kif riedu jibdlu il-fond l-intimati u kif kien possibbli li hu jahdem, Ma seta' qatt jinghata appalt wiehed peress li l-izvilupp twal sitt snin, kif tammetti Farrugia innifisha. Ghalhekk mhux il-kaz kif gie ikwotat ir-Rubino li 'Al' appaltatore è riconosciuta la facoltà di appostare unilateralmente variazioni di progetto'. Kienu l-intimati nfushom li qalu li skond fejn waslu fil-fond kienu jinkarigaw lill-esponenti. Skond ma kien jippermettilhom ix-xoghol ezegwit kienu jaghtu l-appalt lill-esponenti*[8].

Nonostante dak sottomess u pretiz mill-attur, il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz in ezami l-appalt moghti mill-konvenuti lill-attur kien appalt wiehed li però kellu jigi esegwit f'fazijiet differenti fuq medda ta' zmien. Jibda biex jigi osservat li ma huwiex affattu kredibbli li xoghlijiet esegwiti mill-istess appaltatur fl-istess fond ghandhom jitqiesu bhala appalti differenti u dana anke jekk mhux esegwiti interottament u fuq medda ta' zmien apprezzabbli. Apparte minn hekk, u kuntrarjament ghal dak pretiz mill-attur, mill-provi prodotti jirrizulta li bhala fatt ix-xoghlijiet esegwiti mill-attur a favur il-konvenuti fil-fond residenzjali taghhom kienu nascenti minn appalt wiehed u uniku. Dana l-fatt jirrizulta mill-istess affidavit ta' l-attur[9] fejn appuntu iddikjara li *mal-konvenuti nghid li ili nahdem ghal zmien twil u kienu diversi l-appalti li nkarigawni fihom. Ta' dawn huma diga hallsuni. Issa l-kawza hija dwar l-ahhar appalt li kienu tawni u li ghalih ghadni ma thallastx*. Fin-Nota Responsiva tieghu l-attur jipprova jabbina din id-dikjarazzjoni mal-

[8] Nota Responsiva ta' l-attur, fol. 74 u 75 tal-process.
[9] Fol. 40 u 41 tal-process.

pretensjoni li huwa ma thallasx ta' l-ahhar minn serie ta' appalti moghtija lilu mill-konvenuti in konnessjoni max-xoghlijiet esegwiti fil-fond residenzjali taghhom gewwa r-Rabat, Malta. Din il-pretensjoni però tirrizulta ghal kollox kontradetta mill-*istatement of account* tal-konvenuti esebiti mill-attur stess flimkien mar-Rikors promotur[10]. Minn dan l-*istatement of account* jirrizulta ben car li ghax-xoghlijiet esegwiti fil-fond tal-konvenuti l-attur kien johrog fatturi minn zmien ghal zmien u l-konvenuti kienu jeffettwaw pagamenti akkont li kienu jmorru versu l-bilanc pendenti u minn zmien ghal zmien dovut. Jirrizulta b'mod car ukoll li ma hijiex biss l-ahhar fattura – li logikament tkun tirrapprezenta l-ahhar xoghol esegwit mill-attur ghall-konvenuti fil-fond taghhom – li ma hijiex imhallsha imma hemm bilanc pendenti fir-rigward tax-xoghlijiet kollha esegwiti mill-attur a favur il-konvenuti. B'hekk din l-affermazzjoni ta' l-attur flimkien ma' l-i*statement of account* esebit minnu stess juru bic-car illi l-appalt kummissjonat mill-konvenuti lill-attur fir-rigward ta' xoghlijiet esegwiti fil-fond residenzjali taghhom gewwa ir-Rabat, Malta, kien appalt wiehed u mhux diversi appalti differenti.

Dan il-fatt jirrizulta kkonfermat ukoll minn dak affermat minn Fiona Incorvaja waqt is-seudta ta' l-10 ta' Dicembru 2012[11], in risposta ghall-mistoqsija tal-Qorti dwar kemm kienu jdumu wieqfa l-attur u l-haddiema tieghu bejn bicca xoghol u ohra: *mhux dejjem l-istess. Gieli jcemplu mil-llum ghal ghada, gieli jcemplu wara gimgha, mhux dejjem l-istess, wara kull bicca xoghol mhux dejjem kienet tkun l-istess ghax kien ikun hemm kuntratturi ohra. Allura skond ix-xoghol fejn jkun ha jsir jekk ikun hemm kuntratturi ohra qeghdin jahdmu jridu jlestu il-kuntratturi l-ohra w imbaghad nidhlu ahna. Jiddependi.* Minn din ix-xhieda jirrizulta b'mod car li l-attur kien jaf x'xoghlijiet kellhom jigu esegwiti fil-fond tal-konvenuti u l-entità ta' l-istess u ir-raguni ghalfejn bejn bicca xoghol u ohra kien jieqaf kienet minhabba x-xoghol li kellu jigi esegwit minn kuntratturi ohra qablu. Kif già osservat din hija konferma ulterjuri li kuntrarjament ghal dak affermat mill-attur ix-xogholijiet minnu esegwiti ghall-konvenuti fil-fond residenzjali taghhom gewwa r-Rabat, Malta, kienu nascenti minn appalt wiehed u uniku u mhux minn diversi appalti differenti.

Detto ciò però il-Qorti xorta wahda ma hijiex tal-fehma li l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza *ratione valoris* sollevata mill-konvenuti hija gustifikata.

A tenur ta' l-Artikolu 748(a) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta *il-valur ta' l-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba – (a) meta t-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata,* kif appuntu hu l-kaz fil-kaz in ezami in kwantu bil-proceduri odjerni l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' €5,870.53. Il-principju sancit fl-Artikolu 748(a) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa rikonoxxut u accettat mill-konvenuti izda, in sostenn ta'

[10] Fol. 3 tal-process.
[11] Fol. 49 sa' 53 tal-process.

l-eccezzjoni taghhom ta' l-inkompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti jinvokaw il-principju diversi drabi enuncjat mill-Qrati nostrali li f'certi cirkostanzi l-valur tal-kawza jrid jigi determinat b'referenza ghall-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

Fir-rigward fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti jissottomettu li *l-esponenti ccitaw il-bran* [minn Mortara – Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civili, Vol.II para. 72] *estensivament ghaliex, fl-umli fehma taghhom, jindika b'mod mill-aktar car liema eccezzjonijiet jistghu ikollhom bhala effett taghhom l-eskluzjoni tal-kompetenza tal-Qorti. Ghandha ssir distinzjoni bejn dawk l-eccezzjonijiet li jigu sollevati merament bhala mezzi ta' difiza, u li ma jkollhom l-ebda ezistenza guridika jekk mhux fil-kuntest ta' l-azzjoni proposta mil-attur, u bjen dawk l-eccezzjonijiet li fihom innifishom jikkostitwixxu bazi ta' dritt ta' azzjoni tal-konvenut, tant illi il-mertu ta' dik l-eccezzjoni legalment tikkostitwixxi bazi legali ta' pretiza gudizzjarja fiha innifisha. Illi bl-eccezzjonijiet taghhom, l-esponenti qed jobbjettaw ghall-pretensjoni ta' l-attur billi jsostnu li huwa m'ghandux jithallas jekk mhux qabel jikkonsenja l-oggett ta' l-appalt li gie ikkummissjonat iwettaq mitmum skond is-sengha u l-arti. L-esponenti jikkontendu fil-fatt illi l-attur ma wettaqx ix-xoghol kollu li gie nkarigat iwettaq skond is-sengha u l-arti, bil-konsegwenza li huwa m'ghandux id-dritt li jithallas. Illi ghandu jkun pacifiku li dak eccepit mill-esponenti, u cioè li l-esekuzzjoni hazina ta' appalt, jikkostitwixxi fih innifsu bazi legali ta' pretiza gudizzjarja li tista' tigi esperita b'mod awtonomu u li tezisti anke barra mill-kuntest ta' l-azzjoni ta' l-attur. Fil-fatt huma bosta l-azzjonijiet gudizzjarji li jigu intavolati proprju fuq dawk il-kawzali. Illi minhabba dawn l-eccezzjonijiet, dina l-Onorabbli Qorti trid necessarjament tistharreg u tikkonsidra r-rapport kuntrattwali intier bejn il-kontendenti, liema rapport kuntrattwali jkopri appalt ta' valur ta' €22,898.59. Kif digà gie rilevat, il-konvenuti qed jilmentaw minn difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol, liema difetti gew riskontrati waqt it-twettiq tal-kuntratt intier, u ghalhekk huwa essenzjali, sabiex din il-kontroversja tigi epurata fit-termini tat-talba ta' l-attur u ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, li dina l-Onorabbli Qorti tinvesti r-rapport obbligatorju intier bejn il-kontendenti u twettaq ezercizzju ta' konteggi u valuri li jeccedu l-kompetenza taghha kif cirkoskritta mill-Artikolu 47(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan senjatament irid isir billi qabel xejn jigi determinat f'hiex kien jikkonsisti l-appalt intier, li l-valur tieghu huwa ta' €22,898.59, sabiex b'hekk ikun jista' jigi deciz jekk l-attur wettaqx dak l-appalt shih skond is-sengha u l-arti. Minghajr din id-determinazzjoni, ma jistax jigi deciz jekk fil-fatt it-talba ta' l-attur hijiex fondata jew le. Illi maghmul il-premess, ghandu jirrizulta ghalhekk li l-kontroversja li tikkostitwixxi l-mertu ta' din l-istanza tezorbita mill-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti, u per konsegwenza l-eccezzjoni ta' inkompetenza sollevata mill-konvenuti timmerita l-akkoljiment*[12].

[12] Fol. 71 u 72 tal-process.

Fil-fehma tal-Qorti però u kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenuti, l-eccezzjonijiet minnhom sollevati ghat-talba attrici ma humiex tali li jwasslu biex il-mertu ta' l-azzjoni in ezami jezorbita l-kompetenza Taghha.

Kif già osservat l-attur *qua* appaltatur jitlob hlas minghand il-konvenuti appalltanti tas-somma ta' €5,870.53 rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' xoghlijiet ta' alumiunium, gypsum u soffitti minnu esegwiti fuq inkarigu taghhom fil-fond residenzjali taghhom gewwa r-Rabat, Malta, liema somma tinkludi l-VAT. Hija gurisprudenza kostanti li ghat-talba ghall-hlas da parte ta' l-appaltatur l-appaltant jista' jissolleva s-segwenti eccezzjonijiet: dik ta' l-intempestività jew inkella li l-prezz mitlub jigi ridott skond id-difetti riskontrati. Fir-rigward ta' sitwazzjoni rinfaccjata mill-appallatatur ghat-talba ghall-hlas da parte tieghu gie diversi drabi ritenut mill-Qrati nostrali li *l-imprenditur huwa tenut jesegwixxi l-kuntratt mhux kif jidhirlu hu imma 'bene e a regola d'arte e secondo i patti stabbiliti' ... u fejn ma hemmx patti espressi, l-esekuzzjoni ghandha ssir skond l-intenzjoni tal-partijiet li zgur li ma kienetx illi kellu jinghata xoghol hazin". Meta jirrizultaw difetti fir-rizultat ahhari, it-talba ta' l-imprenditur ghandha titqies intempestiva, u kwindi, michuda, jekk dawk id-difetti ikunu ta' entità gravi. Meta d-difetti ma jkunux sostanzjali l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, però, jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni fil-prezz*[13].

Il-konvenuti jikkontendu li biex il-Qorti tista' tqis l-eccezzjonijiet taghhom ghat-talba attrici, fosthom l-eccezzjoni ta' l-intempestività, Hija ghandha tikkonsidra t-totalità tax-xoghlijiet esegwiti mill-attur li jammontaw ghal madwar €22,898.59, liema cifra tezorbita l-kompetenza ta' din il-Qorti. Madanakollu però mix-xhieda tal-konvenuta stess jirrizulta li dan ma huwiex il-kaz in kwantu hija ddikjarat illi l-appalt fih innifsu gie kompletat mill-attur u d-difetti riskontrati huma f'certa xoghlijiet partikolari u mhux fl-intier tax-xoghlijiet. Fix-xhieda li tat waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2011[14], il-konvenuta ddikjarat illi *jiena minix qed nghid li x-xoghol li kellu jsir mis-Sur Pace ma tlestiex kollu, li qed nghid hu li x-xoghol li sar ma sarx kif suppost u ma giex rimedjat mill-istess attur*. Dan ifisser ghalhekk li fil-kuntest tal-proceduri odjerni l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tikkonsidra t-totalità tax-xoghlijiet esegwiti mill-attur li komplessivament gew jammontaw ghal madwar €22,898.59 izda, ghandha tikkonsidra biss, se mai, l-allegati difetti fix-xoghol riskontrati mill-konvenuti. Fir-rigward ta' dawn l-allegati difetti l-konvenuta iddikjarat illi *x-xoghlijiet esegwiti minnhom ma sarux kif suppost, per ezempju hemm numru ta' aperturi li ma jinghalqux. Hemm affarijiet ohra per ezempju saqaf tal-hgieg li qed jikkrekkja u jillikja*[15]. Ghal dawn ix-xoghlijiet li skond il-konvenuti huma difettuzi u ma gewx esegwiti skond is-sengha l-arti, l-istess konvenuti jeccepixxu li x-xoghlijiet li fadal isiru, ossia x-xoghol ta' riparazzjoni ta' l-allegati difetti minnhom riskontrati, jaqbzu l-

[13] Joseph Schembri v. Emanuel Caruana, Citaz. Nru. 534/93 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2003.
[14] Fol. 17 u 18 tal-process.
[15] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2011, fol. 17 u 18 tal-process.

kompetenza *ratonie valoris* ta' din il-Qorti, izda huma ma ressqu l-ebda prova li effettivament turi li l-valur ta' tali xoghlijiet effettivament jezorbita mill-kompetenza ta' din il-Qorti, iktar u iktar meta fiz-zmien tal-prezentata tal-proceduri odjerni din il-Qorti kienet kompetenti biex tisma' u tiddeciedi l-pretensjonijiet kollha sa' l-ammont ta' €11,646.87, li jigi pratikament nofs il-valur tax-xoghlijiet esegwiti mill-attur ghall-konvenuti.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti sollevata mill-konvenuti ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti sollevata mill-konvenuti u tordna il-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

L-ispejjez relattivi ghal din l-istanza partikolari ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**